V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10372 — SHV ENERGY / UGI INTERNATIONAL HOLDING / JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 476/06)

1. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SHV Energy N.V. ("SHV Energy", in-Netherlands), ikkontrollata minn SHV Holdings N.V. (in-Netherlands),

— UGI International Holdings B.V. ("UGI International Holdings", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn UGI Corporation ("UGI", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Joint Venture (in-Netherlands), ikkontrollata minn SHV Energy u UGI International.

SHV Energy u UGI International jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Impriża bi Sħab (joint venture).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SHV Energy: attiva fil-qasam tal-fuels sostenibbli u s-soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u fid-distribuzzjoni tal-enerġija mhux kollegata mal-grilja,

— UGI International Holding: attiva permezz ta' diversi sussidjarji fid-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-enerġija u servizzi relatati,

— il-Joint Venture: se tkun attiva fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' Dimethyl Ether minn karbonju rinnovabbli u / jew irriċiklat (rDME) u fil-promozzjoni tal-aċċettazzjoni tal-industrija u tas-suq ta', u l-interess fl-rDME għad-defossilizzazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10372 — SHV ENERGY / UGI INTERNATIONAL HOLDING / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË